KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 29

Is-sitta u għoxrin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 7 ta' April 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.13:*

*29.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*29.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*29.5 Rapporti;*
*29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*29.7 Items Oħra;*
*29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*29.9 Mozzjonijiet*
*29.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 29.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-azzjoni industrijali, jekk intbagħtu ittri ta' apoloġija ma jafx bihom. Id-D.S.E qalet illi l-kunsilliera W.V.Baldacchino u D.Muscat bagħtu lilha u lis-S.E biex ikunu skuzati,.

## 29.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

29.2.1 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera I.I enech issekondat l-proposta. Il-minuti ġew approvati unanimment. *Minuti nru 28*

## 29.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

29.3.1 Is-Sindku qal illi saret laqgħa mal-Lands dwar l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' Exiles fejn kien hemm qbil illi l-pjanta li rċevejna mhix skont il ftehim oriġinali, kif ukoll illi għandom jiġu kkjarifikati ċerti punti tal-ftehim u l-perjodu tal-ftehim. Għandna nirċievu update mingħand il-Lands. *Exiles*

**Il-kunsillier J.Pillow telaq għal ftit fis-6.35pm peress illi kellu problema bil-microphone.**

*Eco-wardens*

29.3.2 Is-Sindku spjega kif ir-rati tal-ecowardens huma pjutost għoljin. Ġie diskuss il-possibilta li jsiru kameras li jaħdmu bis-solar power u li ssir laqgħa mall-kummissarju tad-Data Protection sabiex naraw kif l-aħjar illi ssir sorveljanza sabiex inaqqsu l-ammont ta' skart illi jitħalla barra.

**Il-kunsillier J.Pillow reġa daħal għall-ħabta ta' 6.35pm flimkien mall-kunsillier P.Portelli.**

Fuq dan il-punt il-kunsillier V.G.Pace staqsiet fejn se jkunu mwaħħlin il-kameras. Is-Sindku qal illi għandna naraw izjed il-quddiem

Kien hemm qbil illi ssir il-laqgħa mall-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart nhar l-Erbgħa 14 ta' April fil-5pm. Din id-data hija waħda tenttativa skond id-disponnibilta tal-kuntrattur.

*Funtani*

29.3.3 Is-Sindku rrimarka li wara li saru diversi xogħolijiet fuq il-funtani fil-lokalita, flimkien mall-MTA, sfortuntament għad hemm problemi kbar. Il-kunsillier P.Radmilli talab illi nieħdu ħsiebhom mill-fondi tagħna sabiex nilħqu d-deadlines biex nieħdu l-fondi tal-LESA. Wara deċiżjoni unanima kien hemm qbil illi x-xogħol isir mill-Kunsill u għandna niffokaw fuq il-funtana ta' Ġnien Independenza.

**Il-kunsillier J.Pillow telaq fis-7.12pm peress illi kellu problemi tekniċi.**

*Ċensu Apap*

29.3.4 Is-Sindku qal illi hemm kuntrattur ġdid għall-proġett tal-monument ta' Ċensu Apap. Is-S.E qal illi ġie kkanċellat il-proċess mall-kuntattur peress illi qat ma ġiet iffirmata xorta waħda u ingħatat lil min ma rebaħx oriġinarjament u aċċetta l-kuntratt. Qal illi saret laqgħa flimkien mall-Perit fejn issa jaf sew ix-xogħol illi tirrekjedi u għanda ssir fil-pront.

29.3.5 Is-Sindku qal illi dal-aħħar ma kienx hemm ħafna ħin biex naħdmu fuqhom izda fakkar illi hemm bzonn il-calmers ta' Dingli str. u triq it-Torri.

29.3.6 Is-Sindku qal illi hemm siġar mejtin fl-area tat-Taormina.

**Il-kunsillier J.Pillow daħal fis-7.27pm.**

29.3.7 Is-Sindku qal illi barra li saru bins ġodda se jsiru oħrajn grazzi għas-CSD. Il-kunsillier J.Pillow qal illi lvalura tal-proġett se tkun ta' madwar €15,000 fejn il-Kunsill m'hu se joħroġ xejn. Il-Kunsill se jixtri boroz għal dawn il-bins biss.

29.3.8 Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill għamel ix-xogħol ta' triq il-Madonna ta' Sacro Cuore madwar 5 snin ilu, EneMalta issa ħaffru t-triq biex jagħdu cables. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi madwar sena ilu kien ġie notifikat li kien hemm talba għal RWP fejn bħala kundizzjonijiet ktibna li għandom jintuzaw il-materjal bħal proġett tagħna. Żied illi ma kienx jaf illi se jibdew ix-xogħolijiet, bid-direttiva jew barra d-direttiva. Is-Sindku qal illi anqas hu ma kien jaf illi se jibdew il-proġett avolja kien jaf illi kien .hemm diskussjonijiet dwarha.

29.3.9 Is-Sindku qal illi s-CSD se jnaddfu l-area ta' The Strand mill-Waterfront sa Square Deal u madwar il-monument tal-gwerra. Hemm bzonn illi jsiru No Parking signs fl-area kollha għal dawk il-ġranet.

## 29.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

29.4.1 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm boulders mall-bajja taħt il-kamra tas-Salesjani fejn din l-area tista titgawda minn nies jekk jitneħħew. Il-Kunsill se jingaġġa kuntrattur biex jieħu ħsieb ix-xogħol.

29.4.2 Il-kunsilliera I.Fenech semmiet il-problema tal-ispeeding li jkun hemm mall-Promenade. Is-Sindku qal illi konna fil-proċess illi nlestu press-statement mall-pulizija izda fakkar illi bħala infurzar il-pulizija u LESA għandom jieħdu azzjoni.
Kien hemm diskussjoni fuq bike lanes u running lane.
Rigward running lane l-kunsillier P.Radmilli ppropona li tintuza is-service road illi hemm mall-bajja bejn Exiles u Surfside. Ma kienx hemm kunsens izda se jsiru taħħtidiet ma nies li jiġru biex naraw x'materjal tista tintuza. Il-kunsillier J.Pillow irrimarka li mall ewwel grigaljata kull tip ta' materjal se ttir

Bħala cycling, is-Sindku qal illi għandom isiru l-marki fejn hemm ir-racks biex nuri li dawn għandom jibdew ir-rotta tagħhom mit-triq u mhux mill-Promenade. Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li

jitressqu fejn il-bus stops. Bħala cycling lane, din ma tistax isir fuq il-promenade waqt illi l-proġett 'Share the Road' ma kinitx ħadmet.

**29.5 Rapporti**

**Il-kunsillier A.Debono talab illi jkun skuzat għal ftit fit-8.33pm. Kien skuzat u telaq mil-laqgħa.**

29.5.1 Il-kunsillier J.Pillow irrimarka li xogħolijiet tal-ELC ma sarux kollha. Żied ukoll illi l-Contracts Manager għandu jibda jdur bil-lejl u hemm bzonn ta' follow up fuq rapporti li jaslu minn naħa tiegħu dwar l-affarijiet illi qegħdin isiru li mhumiex skont ir-regoli.

29.5.2 Il-kunsillier J.Pillow għamel referenza għat-tender tas-siġar li għandom isiru max-Xatt fejn staqsa jekk is-siġar se jsiru quddiem il-knisja ta' Nazzarenu. Is-S.E qal illi skont it-tender se jsiru minn quddiem Bajada Store sa Burger King skont it-tender li ġiet approvata. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi meta tasal iz-zmien għanda ssir laqgħa fuq il-post.

**Il-kunsillier A.Debono reġa daħal għall-ħabta ta' 8.47pm**

**29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

29.6.1 Il-Kunsillier P.Radmilli qal illi dalwaqt wasalna sabiex noħorġu sejħa sabiex isiru x-xogħolijiet tan-niċċeċ, waqt illi se jkun hemm bzonn li ssir l-applikazzjoni għall-DPF. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil mall-proposta sabiex jieħu ħsieb l-istess perit li għamel il Method Statements u li se jkollu jieħu ħsieb ukoll il BoQ. Il-ħsieb hu sabiex jgħin fit-tender u fiċ-ċertifikazzjoni għall-bzonnijiet tal-DPF.
Il-kunsillier A.Debono qal illi l-Perit spjega kif il-Kunsill għandu jħallas l-ammont ta' €2,300 bħala garanzija bankarja għal kull niċċa u li ma hasx għalfejn hemm bzonn din l-ispiza. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dawn ma kienux previsti u mhumiex ammonti zgħar, izda għandom jaslu lura għandna u ma jarax li għandna niġġieldu kontrija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'kull tender ikun hemm 'assumptions' u 'risks' fejn fost ir-riskji, il-bidder għandu jkun jaf illi jekk il-Kunsill ma jieħux il-flus lura minħabba nuqqasijiet

minn naħa tiegħu, hemm se nzommu l-ammont tal-garanzija bankarja. Kien hemm qbil.
Il-kunsillier A.Debono qal ukoll illi l-Perit issuġerixxa li nħallsu in bulk minflok separatament għal kull niċċa. Is-S.E qal illi tajjeb inkunu nafu l-ewwel illi f'każ illi jkun hemm problema minħabba niċċa waħda, il-fatt illi tkun bulk payment ma tfissirx illi jzommu l-ammont totali li nkunu nfaqqna.

**Is-S.E qal illi skadew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

29.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Kunsill kien ħa deċiżjoni fuq il-formola li hemm bzonn tintbagħat lil PA fuq il-proġett ta' Dingli str. izda din għada ma waslitx għand il-P.A. Qal illi jiddedika ħafna ħin fuq dawn il-proġetti u jippreferi jiddedika l-ħin biex iwettaq proġetti oħra billi fuq dawk illi kellom ikunu lesti.
Is-Sindku qal illi jaqbel miegħu u hemm bzonn illi titnaqqas il-ħin sabiex jitlestu ċerti xogħolijiet/proġetti. F'dan il-każ qal illi qegħdin nistennew mingħand xi ħadd li jidher mhux lest jgħin izda hemm bzonn induru dawra madwarha.
Is-S.E qal illi f'dal każ, provdejna l-informazzjoni neċessarja sabiex din tiġi ffinalizata wara li ġie nnotat l-affarijiet li ma kienux qegħdin jidhru fuq il-formola preċedenti tal-Perit. Hemm bzonn biss verifikazzjoni bil-firma u l-istampa tal-Perit sabiex tintbagħat.
Dwar il-proġett ta' Dingli str. il-kunsillier J.Pillow qa illi hemm bzonn naraw l-ispeċifikazzjonijiet, u l-garanzija, tal-gratings peress illi diġa hemm ħsarat visibli.

29.6.3 Rigward l-applikazzjoni ta' SPI.SCI.02.2021 il-proposta tal-kumitat kienet sabiex il-fondi jintuzaw biex isiru pjanti flok it-turf fil-maġġor parti ta' Ġnien Bonello DePuis, waqt illi jkun hemm izjed postijiet addaddati sabiex l-anzjani joqogħdu bil-qegħda.

**29.7 Items Oħra;**

29.7.1 Il kunsillier P.Portelli ħareġ suġġeriment sabiex il-Council page tal-Kunsill tinbiddel fuq il-facebook. Qal hemm ammont ta' gruppi li jeżistu u li huma hemm biex kull min jixtieq jeqred fuq il-Kunsill u ma jaċċettawx il-versjoni tal-Kunsill. Żied illi kien hemm amministrattur ta' grupp partikolari li qalet illi ħadd ma jikmanda kif tamministra l-paġna tagħha u li qed tħalli, jew anka tħeġġeġ, kritika mingħand nies meta ammont minnhom anqas jgħixu Tas-

Sliema. B'hekk ħareġ bl-idea li ssir paġna li jidħlu fiha biss nies illi jgħixu Tas-Sliema u li għandom l-opportunita li jikkomunikaw direttament mall-kunsilliera.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-kunsilliera jirrispondu biss fuq din il-grupp u l-ebda grupp oħra, waqt illi se tiġi ċirkolata lista ta' kriterji u regolamenti li għandom jobbdu l-amministratturi kollha. Din mhix se tkun 'replacement' tal-paġna uffiċjali tal-Kunsill.

29.7.3 Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li barra l-punt preċedenti naħsbu wkoll għall-fuljett tal-Kunsill peress illi mhux kulħadd juza l-Facebook. Ġie deċiż illi għanda toħroġ waħda f'Ġunju izda kull persuna għanda tara li l-artikoli jaslu fil-ħin.

29.7.4 Il-kunsillier J.Pillow qal illi darba konna zammejna paga lill-kuntrattur li kellu jagħmlu l-islabs madwar triq it-Torri u li ma sarux. Dak iz-zmien il-Perit kien ivverifika li saru, izda jew ma sarux kollha jew ġew imkissrin mill-ewwel. Rigward il-ħlas, off-hand ma kienx possibli li tasal risposta la għaddiet ftit ħin mhux ħazin.

29.7.5 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar fuq l-elenku tat-tenders u mil-liema se nibdew. Is-S.E qal illi mill-aħħar laqgħa ħarġet CfQ għall-powerwash fejn l-evalwaturi huma K.Wain, D.Soler u W.V.Baldacchino. Din tinfetaħ nhar it-Tnejn. Qal illi lesta x-xogħol tal-kuntratt tal-istreet lighting izda hu mhux persuna tekniku u bil-kunsens tal-Kunsill għandna nqabbdu persuna tekniku [electrical engineer] biex jassisti bl-approvazzjoni tagħha u wara anka biex ikun parti mill-evalwaturi. Kien hemm qbil.
Żied illi t-tenders ta' wara se jkunu tal-landscaping u tax-xogħolijiet fit-toroq waqt illi hemm is-CfQ taz-zebgħa li se toħroġ id-dieħla.

Il-lista għanda tintbagħat minn naħa tal-Kunsill

29.7.6 Fuq il-punt tad-dawl il kunsillier J.Pillow issuġerixxa li nagħmlu dawn bħal ma sar fil-ġnien Bonello De Puis din id-darba fl-area quddiem Nazzarenu. Kien hemm qbil.

**29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

29.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-pagamenti jiġu aċċettati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ.

**29.9** **Mozzjonjiet;**

29.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**29.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

29.10.1 Is-Seduta ntemmet fl-22.45. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 5 ta' Mejju 2021.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 5 ta' Mejju 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**